MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 753/2013

Mobisle **Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Kurt Melvin Vella [ID. 226492M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-22 ta’ Novembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta’ elf mitejn sitta u sebghin euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€1,276.23] u dan wara li ppremettiet hekk:

> “Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attriċi s-somma ta’ elf mitejn sitta u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€1,276.23) in kwantu ghal sitt mija sebghu u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€677.23) in konnessjoni ma’ servizz telefoniku bin-numru 79843820 (AC40195260) u hames mija disgha u disghin ewro (€599) bhala penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt datat 10 t’ April 2012.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 1834/13 u bl-imghaxijiet mill-1 ta' Awwissu 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-22 ta' Jannar, 2014 u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' €1,276.23 rapprezentanti din is-somma in kwantu ghal €677.23 in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 79843820 (AC40195260) u €599 bhala penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt datat 10 t' April 2012.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elf mitejn sitta u sebghin euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€1,276.23] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat fit-22 ta' Jannar, 2014 u baqa ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mitejn sitta u sebghin euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€1,276.23] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------